1 / LXXI SETTEMBRU 1997

# IL-MALTI



# IL-BIERAĦ, IL-LUM U GĦADA

*Anton Agius Muscat*

Fil-jiem imqanqla li fl-istorja ta' Malta ħadu l-isem ta' "Sette Giugno", kien qiegħed iżur Malta l-Patri Majjistru Ġeneral tad-Dumnikani. Dawk kollha li kitbu fuq il-ġrajjiet tas-*"Sette Giugno"*, tqanqila li ħalliet it-tranja tagħha fil-mixja storika, politika u soċjali ta' Malta, sa fejn naf jien ma semmewx li jekk fil-Belt inqala' inkwiet kbir bejn Maltin u l-Militar Ingliż, tant li l-Isqof Dumnikan Patri Anġlu Portelli ħareġ fit-triqat tal-Belt ħalli jara kif ikellem in-nies u jberred il-qiegħa, daqstant ieħor il-Provinċja Maltija Dumnikana ta' San Piju V kienet qiegħda f'nofs programm sħiħ ta' laqgħat mal-Ġeneral Ludoviku Theissling li kien wasal Malta fid-19 ta' Mejju 1919.[1]

Qabel iż-żjara tal-P. Ġeneral Theissling, id-Dumnikani Maltin kienu għadhom kemm temmew tlitt ijiem festi mill-aqwa b'tifkira tal-ħames ċentenarju ta' S. Vinċenz Ferreri fil-Knisja Bażilika u Parroċċa ta' S. Duminku, il-Belt.

Il-P. Ġeneral Theisaling ħalla Ruma fi Frar 1917 sabiex jibda żjara kanonika f'bosta pajjiżi madwar id-dinja u għadda Malta fl-1919 fi triqtu lura lejn Ruma.

Id-Dumnikani f'Malta laqgħuh bil-kbir, Ħejjewlu programm mill-aqwa, b'ċeremonjal jixhed il-polz ta' Malta meta l-Belt kienet tabilħaqq il-pern tal-ħajja f'Malta.

Is-Sibt, 24 ta' Mejju 1919, il-Konfratelli tas-Smu. Rużarju u tal-*"Misericordia"* magħrufa mal-poplu bħala "Rożarjanti", stednuh ħalli jqaddsilhom fl-Oratorju tagħhom fi Strada San Domenico, il-Belt. Inġabret ġemgħa ġmielha ta' ekklesjastiċi u lajċi. Ir-Rettur, Kan. Arċipriet D. Salvatore dei Conti Manduca, qralu indirizz u f'isem il-Fratelli tah rigal, klamar, tokka u taljakarti tal-fidda, xogħol ta' Malta. "Il-Kav. Ġ. Muscat Azzopardi tah kopja tal-Missal bil-Malti li kiteb huwa," jgħid it-tagħrif li stampaw id-Dumnikani Maltin. Il-kliem "Missal bil-Malti" issibu bil-korsiv, bħallikieku r-relatur ried li l-qarrej jifhem sew u aħjar il-frażi.

1/LXXI 1997

IL-MALTI

*Editur:*
Is-Sur Achille Mizzi

*Il-Qoxra:* Inċiżjoni ta' Richard Saliba – 1996

Il-qoxra ta' dan l-għadd ta' IL-MALTI fiha riproduzzjoni ta' inċiżjoni ta' l-artist Malti, Richard Saliba. Il-figura tat-tfajla hija u tħares lejn il-ktieb miftuħ fiha ħajja ta' tensjoni movimentata b'kompożizzjoni ġenerali ta' linja mserrpa li tiġbed u tpaxxi l-għajn. Minn dehra ta' figura statika, l-artist irnexxielu joħloq illużjoni ta' dehra mimlija ħajja. Għal dawk delettanti jqabblu xogħol artistiku ma' ieħor, inħajjarhom jaraw "La Liseuse" ta' Jean Honoré Fragonard (1732–1806) fejn l-artist Franċiż jippreżenta pittura biż-żejt, ritratt mezzo-bust profil, ta' tfajla bi ktieb f'idejha, mitlufa taqra. Iż-żewġ xogħlijiet daqstant imbiegħda fis-snin u fl-istil, fihom is-sbuħija partikolari tagħhom.

Għalkemm f'din l-inċiżjoni Richard Saliba juri l-bravura tiegħu b'linja akkademika, huwa wieħed minn dawk l-artisti Maltin li għaraf b'għaqal u b'suċċess ifittex triqtu kemm f'interpretazzjoni ta' arti figurattiva – minimalista huwa u jesplora l-paesaġġ Malti bħala pittur u bħala inċiżur, kemm ukoll f'arti astratta f'xogħol pittoriku. Ukoll fl-astratt tiegħu, Richard Saliba jipprova jkun armonjuż fil-kompożizzjoni, forma u lewn.

Huwa artist li ta kontribut serju u validu lill-arti Maltija kemm bħala inċiżur u kemm bħala pittur. Twieled fl-1943 ġewwa Birkirkara. Studja l-arti kemm f'Malta u kemm fl-Italja.

© *Copyright*
Akkademja tal-Malti

Mitbugħ: P.E.G. Ltd.

Fil-ħaqq u fis-sew, Missal bil-Malti fl-1919 meta l-Quddiesa tridentina kienet għadha fl-aqwa tagħha u ħadd ma kien ħolom bil-Konċilju Vatikan it-tieni u l-bidla kollha li ġab miegħu, aktar u aktar li l-Missal bil-Malti kien daħal għalih wieħed lajk ukoll jekk bl-approvazzjoni tal-Knisja, kienet ġrajja bit-tifsira kollha tagħha. Kien żmien ta' meta l-qassis iqaddes bil-Latin, jagħti dahru lin-nies huwa u jkun fuq l-altar, waqt li xi ħadd min-nies miġbura, raġel u mhux mara, jitħajjar iqassat ir-Rużarju bil-Malti, u meta jasal għal-Litanija bil-Latin taf tisma' ħrejjef bħal, "spekulum justizz, reġina anġelor, turri ebur . . ."[2] Żmien li għadda u mar, iżda tabilħaqq kien u għax matul snin twal.

Jekk Ġ. Muscat Azzopardi kien wieħed mill-ewlenin li ħadem sfiq ħalli l-Malti jarfa' rasu qalb il-kotra, kien hemm oħrajn li taw sehemhom ukoll, min ħafna min ftit. Madanakollu, il-lsien Malti la kien jagħirfu l-Gvern Imperjali Ingliż u anqas kellu saħħa legali, kif ukoll ebda prestiġju kulturali fil-ħajja Maltija ta' kuljum. Biex tagħqad, min ħabb il-Malti ma għarafx jiftiehem ħalli tinbena tifsila waħda ta' ortografija tal-Malti, ukoll jekk inqala' min ra l-ħtieġa li jaslu għal qbil u ftehim.

Ħalli l-kwistjoni tan-nazzjonaliżmu Malti aktar tinħaqar, il-politika Maltija nqabdet fis-saborra ta' Maltin mifrudin bejniethom fil-ġlieda politika-kulturali li ħadet l-isem ta' "kwistjoni tal-lingwa", fejn politiċi Maltin intronaw it-Taljan bħala "lingwa tal-kultura" ħalli biha jgħabbru mill-1800 'il quddiem il-"kultura Ewropea" li l-Gvern Imperjali Ingliż kien jirrappreżenta, imqar jekk it-Taljan kien il-għodda lingwistika li nqdew biha l-ħakkiema li fis-sekli ta' qabel qiesu dawn il-gżejjer bħala ħwejjiġhom u jagħmlu minnhom kif jidhrilhom huma.

Fi żmien meta Ġ. Muscat Azzopardi ppreżenta l-Missal bil-Malti lill-P. Majjistru Ġeneral tad-Dumnikani, kont tiltaqa' ma' nutara Maltin li fl-atti notarili tagħhom li kienu jiktbu bit-Taljan, ukoll jekk dan it Taljan xi daqqiet kien ikun imħallat b'maltesiżmi fl-idjoma Taljana, kienu jniżżlu li dak l-att huwa *"in lingua maltese"*! Kien żmien meta n-nazzjonaliżmu Malti kien

## WERREJ


EDITORJAL i

MARIO AZZOPARDI
*Tliet Battuti mhux Kompluti* 2
*Ittra ta' Mara Ħalliema* 3

ĠORĠ BORG
*Imħabba Sewda* 3
*Naf Tifel* 4

ALFRED DEGABRIELE
*Metamorfosi* 4
*Bħan-Nar tal-Festa* 5

VICTOR FENECH
*Temporale* 6
*Foresti-Xita* 6

CHARLES FLORES
*Qamar tal-Vikingi* 7
*Pakkett Nru 49* 7

OLIVER FRIGGIERI
*Il-Bieb Imsakkar* 8
*Kull Ħolma Tqila* 8

RAYMOND MAHONEY
*Wara l-Bwieb tal-Ħġieġ* 9

ALBERT MARSHALL
*Femminista* 11
*Vudu* 12

DANIEL MASSA
*Serp* 13
*M42: Sajf u Riġel* 14

ACHILLE MIZZI
*Blanzun* 15
*Tifsir* 16

FRANS SAMMUT
*Is-Snin* 17

PHILIP SCIBERRAS
*stqarrija* 19
*ġungla* 20

DANIEL MASSA
*Saġġ fuq Diaspora ta' Albert Marshall* 21

marbut ma' għeruq barra minn Malta, bħallikieku belt jeħteġilha tiċħad lil uliedha ħalli tagħmilhom tagħha u b'hekk tgħix u tieqaf fuq saqajha![3]

L-Awtonomija ta' l-1921 fissret bidla fil-mixja tal-ħajja politika Maltija. Il-"kwistjoni tal-lingwa" libset xejra ġdida billi kristalizzat ruħha f'rappreżentanza politika aktar ħarxa u taqta' bejn żewġ naħat ma jistgħux jifhmu lil xulxin jew jaslu għal kompromess, bid-dell ta' l-Italja Faxxista u ta' l-Ingilterra Imperjali warajhom. Id-dagħbien bejniethom wassal għall-Kummissjoni Rjali ta' l-1931. Fl-1934 il-Gvern Imperjali qatagħha li l-Malti għandu jieħu postu ma' l-Ingliż. Dik id-deċiżjoni saħħet l-id ta' min il-Malti kien ilu jqisu bħala jixraqlu jidħol b'jedd legali ta' lingwa fil-ħajja Maltija. Madanakollu, deċiżjoni bħal dik tal-Gvern Ingliż ma setgħetx tnissel mil-lejl għan-nhar binja kulturali ġdida.

Ġara fatt li għen lill-Gvern Ingliż jasal għal dik lil-għażla. Ladarba l-politiċi Maltin irnexxielhom jinġabru f'Assemblea Nazzjonali fl-1919 sabiex flimkien juru għaqda bejniethom ħalli jerfgħu responsabbiltà ta' Awtonomija, hekk dawk kollha li kellhom għal qalbhom it-tisħiħ tal-lsien Malti għarfu jiltaqgħu flimkien sabiex iwelldu fl-1920 l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u jiftiehmu fuq Regoli ta' Kitba bejn l-1921 u l-1925.[4] Il-fatt huwa li kien hemm ġrajja twila ħafna matul is-snin ta' qabel. Fl-1920 Ġ. Muscat Azzopardi, li ħatruh bħala l-ewwel president ta' l-"Għaqda", kiteb li sa minn żgħoritu ħa sehem f'dak kollu li tqanqal b'riżq il-Malti. Kien trawwem fis-sistema ta' kitba li l-Kan. P. Pullicino raħħam fl-iskejjel primarji permezz ta' Alfabett imfassal mill-*"Accademia Filologica Maltese"* u li tagħha l-Kan. Pullicino kien l-ewwel president fl-1843.[5] Madanakollu, il-kittieba tal-Malti kienu aktar jintilfu kull wieħed jgħid tiegħu aktar milli jagħirfu jaħdmu annuna. It-twelid u l-ħajja ta' l-"Għaqda" fl-1920 fisser tama u rieda ġdida li kulħadd jimxi għalenija fi triq waħda.

It-tilwim u l-inkwiet fil-politika Maltija ma qatax sa ma faqqgħet il-gwerra fl-1939. Il-"ġlieda tal-kultura" ma għenitx il-Malti. Iżda hekk kif Malta sabet ruħha taħt in-nar meta l-Italja daħlet fi gwerra ma' l-Ingilterra, Malta għaddiet minn taqliba sħiħa li ħalliet tranja liema bħalha warajha u bidlet lil Malta ta' taħt fuq.[6] It-tqanqila kbira ta' patrijottiżmu f'Malta u niesha fi żmien il-gwerra u warajha, ħassha u jafha u jifhimha min ġarrabha. Malta u dak kollu marbut mal-Kelma Maltija ħadu refgħa ta' spalla li qatt qabel ma ġarrbu daqstant mill-qiegħ. Twieldu xirkiet ġodda ħalli jxettlu kitba u kittieba tal-Malti. Il-"kwistjoni tal-lingwa" kif tfasslet sal-gwerra, ħadet daqqa 'l isfel mill-forġa tan-nar ta' l-istorja. Il-poplu sab ruħu maqbud u magħqud aħt il-qilla tan-nar tal-gwerra. Beda jara l-politika Maltija b'nuċċali ieħor minn dak ta' qabel il-Gwerra. Beda aktar iqis qiesu u x'jaqbel għalih qabel jgħabbi rasu bi ħwejjeġ barranija minn dak li jmiss lilu u lil xturu.

Fi kliem ieħor, il-politiku Malti ħtieġlu jqis il-votant ġdid xi jrid hekk kif ma' tmiem il-gwerra, il-Gvern Imperjali Ingliż fehem li ħtieġlu jaqsam it-tmexxija ta' Malta mal-Maltin. Fuq kollox, riħ ġdid kien qiegħed jonfoħ fid-dinja wara gwerra li ġabet magħha tqanqila ġdida ħalli l-popli tad-dinja jiggvernaw lilhom infushom. Il-frażi *"self-determination"* saret ħobżna ta' kuljum għall-politiċi.

Minn ħaġa ġiet oħra, ukoll f'Malta, sa ma fl-1964 il-Gvern Ingliż reħa r-riedni tiegħu għal kollox f'idejn Gvern Malti billi lil Malta taha l-Indipendenza politika

tagħha. Ma' dik il-ġrajja storika, il-Malti sar il-Lingwa Nazzjonali ta' Malta. Bħallikieku mera tal-mixja ta' l-istorja ta' wara l-gwerra, il-Malti u l-Ingliż "flimkien ma' kull lingwa oħra li japprova l-Parlament (b'liġi li tgħaddi mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra tar-Rappreżentanti)" ħarġu bħala l-ilsna uffiċjali ta' Malta. Dan xi trodd il-Kostituzzjoni ta' Malta bħalissa. Kienet għażla għandha minn "kompromess storiku" fi kliem li jirrispetta r-realtajiet tal-ħajja f'Malta sa l-1964 u x'jista' jiġri wara.

Huwa fatt li mill-1947 sal-lum il-Partit Laburista f'Malta kiber daqstant li ġabar fi ħdanu forza politika ġdida mill-aqwa. Mill-1921 'il quddiem kien żmien tat-twelid u taż-żgħorija tiegħu. Il-Malti sab fih wens, sejf u tarka. Il-partiti l-oħra protagonisti fil-politika Maltija bejn l-1921 u l-1939 kieni aktar imqabbdin f'xulxin fil-"kwistjoni tal-lingwa": ix-xewqa għas-supremazija ta' l-Ingliż teħodha mat-tradizzjoni tar-renju tat-Taljan. Li ġara kien li l-gwerra biddlet il-mixja ta' l-istorja għax warrbet il-"Malta Qadima" bil-politiċi u l-ideat tagħhom, waqt li l-Partit Laburista sab ruħu tista' tgħid waħdu fil-kamp politiku jippreżenta lil "Malta Ġdida", talanqas fil-bidu tas-snin ta' wara l-gwerra.

Din il-"Malta Ġdida" fissret ukoll problemi kbar ġodda. Id-dinja ta' wara l-gwerra ma kellha x'taqsam xejn ma' dik li l-gwerra ħarbtet. Min għax f'Malta wara l-1947 jaf li Malta kellha aktar tlaħħaq ma' problemi soċjali u finanzjarji li qajla ħallew nifs ħalli l-kultura Maltija tixxettel u tgħix daqskemm wieħed xtaq. Il-Malti sab postu legalment; madanakollu, għalkemm intrafa', ma sabx ruħu l-kuċċier jew il-pern tal-ħajja kulturali Maltija. Min ħabb il-Malti u l-Kelma Maltija xorta ħass li kellu jibqa' jaqdef kontra-kurrent fil-ħajja kulturali Maltija, fejn il-bilingwiżmu ġab miegħu t-tranja tiegħu. Ma jistax ikun għajr hekk, ladarba għandek żewġ kefef ta' miżien wieħed iżda kefef ma jistgħux jgħabbru lil xulxin.

Madanakollu, jekk kotru fuq li kotru u sbieħu fil-għajn il-kotba bil-Malti, u żdiedu wkoll min imidd idu jikteb bil-Malti, xorta waħda min jgħożż dak li huwa Malti jqis li jsib ruħu minn taħt ħdejn min jagħżel dak li hu fih innifsu barrani għan-nazzjonaliżmu Malti.

Is-Sibt, 6 ta' Jannar 1996, il-membri tal-kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti kellhom stedina jiltaqgħu mal-President ta' Malta, l-E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonnici, fir-residenza uffiċjali tiegħu ta' San Anton.[7] Fil-laqgħa tkellimna miegħu dwar ix-xewqa li l-Akkademja tal-Malti jkollha "dar" tagħha, bħalma gvernijiet barranin iwennsu hawn Malta għal min jistudja l-lingwa u jitħabbeb mal-kultura tagħhom: ngħidu aħna, fix-xeħta ta' l- *"Istituto Italiano di Cultura"*, l-*"Alliance Francaise de Malte"*, u d- *"Deutsch-Maltesicher Zirkel"*.

Il-President wieġeb li dak li jista' jagħmel huwa li jilqa' l-laqgħat tal-kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti fid-d"dar" tiegħu, il-Palazz, il-Belt. Għall-istorja ngħidu li dan seħħ meta saret l-ewwel laqgħa fil-Palazz nhar it-Tnejn, 3 ta' Ġunju 1966.[8]

Il-kunsill irodd ħajr pubblikament lill-E.T. il-President għall-korteżija ta' għemilu mal-kunsill. Ta' min iżid bi pjaċir u għall-istorja li l-Università ta' Pariġi – Sorbonne tat lill-E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonnici d-Dottorat *honoris causa* nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru 1996 fit-3.00 p.m. fil-"Grand Amphithéâtre de la Sorbonne". Għamlet taħdita Madame Michèle Gendreau-Massaloux, Rettur-

Kanċillier ta' l-Universitajiet ta' Pariġi, u għamillu eloġju Monsieur le Recteur Jean-Pierre Poussou, President ta' l-Università ta' Pariġi – Sorbonne.

Il-kunsill kien qiegħed jaħseb, fost ħwejjeġ oħra, fuq tibdil fl-Istatut ta' l-Akkademja tal-Malti meta s-Sibt, 26 ta' Ottubru 1996 saret Elezzjoni Ġenerali f'Malta u Għawdex li tellgħet lill-Partit Laburista fil-gvern, immexxi minn Dr. Alfred Sant, M.Sc., M.B.A., D.B.A. (Harvard), M.P.

Qabel l-Elezzjoni, il-Partit Laburista ħabbar il-fehmiet tiegħu fuq l-"Identità Nazzjonali": "IL-KULTURA. Irridu nifhmu li forsi l-aqwa turija ta' l-identità tagħna bħala Maltin hi l-kultura tagħna. Fl-ewwel post, hu l-Ilsien Malti, li jservi ta' sisien għal din il-kultura. L-ebda politika kulturali Maltija ma tista' tkun awtentika jekk ma tagħtix lill-ilsien ta' pajjiżna l-ewwel post fl-impenn tagħna. Jeħtieġ li, fuq bażi nazzjonali, mhux biss l-Ilsien Malti jingħata għarfien uffiċjali, imma jsir sforz ma jaqta' xejn biex l-Ilsien Malti jkun imħares u żviluppat. Jeħtieġ ukoll li l-espressjoni artistika bil-Malti tingħata spazju xieraq fejn tiżviluppa u tinfirex." Il-manifest żied jgħid li l-Akkademja tal-Malti għandha s-sehem tagħha f'din l-inkwadratura ta' ideal u ideat.[9]

Il-Kunsill iltaqa' ma' l-Onor. Dr. Sant, Prim Ministru, fl-uffiċċju tiegħu fil-Berġa ta' Kastilja nhar l-Erbgħa, 20 ta' Novembru 1996 fis-6.30 p.m., meta huwa u l-membri tal-kunsill tkellmu flimkien għal dak kollu li jorbot mat-twettiq tal-ħsieb u l-fehma li għalihom tgħix l-Akkademja tal-Malti.[10]

Il-ħsieb li l-Akkademja tal-Malti jkollha d-dar tagħha, mogħnija b'dik l-għajnuna segretarjali u sussidju xieraq ħalli taqdi kif jixraq ix-xogħol li jaqa' fuq spallejha, kien u għadu fil-moħħ u l-qalb ta' l-imseħbin kollha, bħalma f'Malta ilhom jgħixu "djar" oħra b'riżq kulturi barranin.

L-Onor. Prim Ministru, Dr. Alfred Sant, huwa awtur ta'kotba bil-Malti. Għandu sehmu kemm bħala rumanzier u kemm bħala drammaturgu, ħalli ma nsemmux il-kitba fil-ġurnali. Jaf u jifhem x'jixtieq il-kittieb tal-Malti. Bħala persuna ta' kultura wiesgħa u mogħti għal qari letterarju f'lingwi ewropej diversi, jifhem lil min jirrispetta l-kultura Maltija u jrid iżomm ruħu aġġornat ma' dak li jiġri kulturalment barra dawn ix-xtut.

Il-programm kulturali li jrid jilħaq il-Gvern Malti tal-lum jorbot minċott mal-"loġika storika" tal-għażliet politiċi li għamel il-Partit Laburista sa minn twelidu. Dak li ma satax isir fil-ħamsin sena li għaddew, irid u jitlob is-sabar, il-ħsieb, id-dehen u l-għaqal ħalli ġebla fuq ġebla jitwettqu l-ideat u l-ideali.

L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, il-lum l-Akkademja tal-Malti, dejjem għaxet bil-qalb tajba u x-xogħol mingħajr ħlas tal-ftit. Ħafna drabi l-ġid li wettqu l-ftit qajla sab min jafhulhom.

Jekk wasal iż-żmien li l-ħolma ta' dawk l-imseħbin fundaturi ta' l-"Għaqda" fl-1920 tissawwar, l-istorja Maltija tbaxxi rasha quddiem min jirnexxilu l-ħolma jagħtiha ħajja. Wara kollox, il-Kelma Maltija hija r-ruħ ta' Malta u niesha.

Jekk nagħirfu nimxu flimkien u nkunu ħsieb wieħed, naslu. Għal dan kollu, iż-żmien jagħtina parir.

Malta għandha jedd għal dik id-Dar li twennes il-Lsien u l-Kultura tagħha. Malta għażla waħda għandha: li tilqa' u ssellem lil min jista' jifhem u jwennes dak li jagħmilha Maltija. Il-ħajja ta' l-Akkademja tal-Malti (Għaqda tal-Kittieba tal-Malti) tfisser ġieħ għal min iqis ruħu Malti.

1. Fil-gazzetta "Leħen is-Sewwa" fakkart l-irqaqat taż-żjara tal-Patri Majjistru Ġeneral L. Theissling, kif ħabbruhom id-Dumnikani nfushom: ara l-ħarġa tas-26 ta' Awissu 1996 *et seq.*
2. Qabbel ukoll "Katrin x'taf bil-Latin?" ta' Ġużè Aquilina, Leħen il-Malti, Settembru 1932.
3. Fil-ktieb *"Malta and Me"*, (1928), Eric Shepherd kiteb f'paġna 182: *". . . is it any great wonder that the ones with brains proclaim a "cultural affiniy" with Italy?. . . As my friend, Mifsud Bonnici, said to me: "I should make a very poor imitation of an Englishman, but Italian comes naturally to me, " He meant that the mentality of the English he saw was beyond him, but that of the Italians in their cities was well within hiss grasp. This, of course, is the able young man we did* not *send to Oxford!"*

   L-istudent kien Carmelo Mifsud Bonnici li għamel karriera mill-aqwa bħala avukat fil-kawżi tal-kriminal u bħala politiku. Il-kotra kienet tafu familjarment bl-isem ta' "Il-Gross". Kien poeta tajjeb bit-Taljan u bil-Malti. O. F. Tencajoli jsemmih fil-ġabra, *"Poeti Maltesi d'Oggi"*, 1932. Ħatruh Membru akkademiku ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Għall-poeżija tiegħu bil-Malti ara l-versi "Quddiem Ġesù Msallab", Leħen il-Malti, 1937, meta kien jagħmel mir-rivista l-Prof. P. P. Saydon.

   Meta fl-1935 il-Gvern nieda għall-ewwel darba konkors ta' rumanzi bil-Malti, l-Onor. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici għażluh membru tal-ġurija, flimkien ma' l-Avukat A. V. Laferla, Direttur ta' l-Edukazzjoni, Ant. Cremona, Mons. G. Darmanin, Rev. Ġ. Delia, S.J., Rev. Carm. Farrugia, u l-Prof. P. P. Saydon. L-ewwel premju ħadu Ġużè Aquilina bir-rumanz tiegħu "Taħt Tliet Saltniet". L-awtur kitbu meta kien fi tmiem l-istudji tiegħu fil-kors tal-liġi fl-Università. Ir-rapport uffiċjali ħareġ fl-1936. Għal tagħrif aktar aqra l-kitba ta' Ġ. Chetcuti. "Il-Professur Ġużè Aquilina – Awtur tar-rumanz 'Taħt Tliet Saltniet' " – Leħen il-Malti, 1938.

   Eric Shepherd ġie Malta bħala professur ta' l-Ingliż fl-Università ta' Malta, li dak iż-żmien kienet għadha fil-bini l-qadim, Strada San Paolo, il-Belt. Fil-ktieb tiegħu, Eric Shepherd għandu kliem ta' rispett għal Carmelo Mifsud Bonnici, minkejja li jekk noqogħdu fuq il-kliem fil-ktieb ta' tifkiriet, l-awtur qajla kien iniżżel l-istudenti universitarji ta' żmienu.

   L-Onor. Dr. Carmelo Mifsud Bonnici jiġi missier l-E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonnici, President tar-Repubblika ta' Malta.
4. Il-qari "Il-Malti" beda joħroġ fl-1925. Il-Kummissjoni magħżula fl-14.11.1920 stampat ir-Rapport tagħha fl-1921 wara li ħadet sbatax-il laqgħa ħalli tħejji x-xogħol lli daħlet għalih. Kien hemm laqgħa ġenerali fit-18.12.1921 ħalli jseddqu r-Rapport. Fl-1924 deher it- *"Tagħrif fuq il-Kitba Maltija"* fejn "ix-xogħol kollu ġie fl-aħħar maħdum u miġbur mis-sur Nin Cremona." L-Onor. Arturo Mifsud, M.L.A., qanqal il-ħtieġa li l-Gvern jistampa t-"Tagħrif" li kellha f'idejha l-"Għaqda" fil-laqgħa tal-Parlament tat-22 ta' Novembru 1923, meta saret taħdita fuq mozzjoni li kien għamel huwa. Il-Gvern wiegħed li jistampa l-ktieb. Bil-ħruġ tiegħu tista' tgħid li bdiet tidher il-ħajja ta' l-"Għaqda". L-Onor. Arturo Mifsud, MLA, għażluh Kaxxier ta' l-Għaqda fl-ewwel kumitat maħtur fis-7 ta' Lulju 1922. Fil-laqgħa ta' wara ta' l-imseħbin kollha fit-13 ta' Mejju 1923, għażluh Viċi-President flimkien ma' l-Avukat A. V. Laferla u l-Avukat L. F. Mizzi. Dawn it-tliet Viċi-Presidenti żdiedu ma' l-Onor. Senatur Mons. Pawl Galea.
5. Ara G. Cassar Pullicino, "Ġużè Muscat Azzopardi", 1991, paġna 75 *et seq.* għal tagħrif itwal. Għall-istorja ta' min ifakkar li l-alfabett imsawwar mill-"Academia Filologica Maltese" kellu l-ħsieb jgħin l-iskular Malti fit-tagħlim tat-Taljan fl-iskejjel ta' Malta.
6. It-tifkiriet ta' Herbert Ganado, "Rajt Malta Tinbidel", u ta' Anton Buttigieg, "Mill-Album ta' Ħajti", jixhdu biżżejjed. Iż-żewġ awturi avukati taw sehemhom sħiħ fil-ħajja politika u kulturali ta' Malta.
7. Ara l-gazzetta "The Sunday Times" (ta' Malta), ħarġa tas-7 ta' Jannar 1996, fejn hemm ritratt u tagħrif.
8. Għadda ftit taż-żmien għax kienu qegħdin isiru xi xogħlijiet fil-post, li tidħol għalih mill-bieb ewlieni tal-Palazz, u ssib ruħek fih mill-ewwel bieb mal-lemin. Taraġ iwasslek fl-ewwel indana ta' "mezzanin" fejn kamra kbira u tilqgħek, fiha pittura mdaqqsa ta' Louis Du Cros turi l-Port il-Kbir int u tħares lejn il-Belt u l-Isla min-naħa ta' Bighi.
9. "Iċ-Ċittadin l-Ewwel", Partit Laburista, 1996: (manifest elettorali): ara paġni 196/197.
10. Kienu preżenti: Sur Achille Mizzi, President; Sur Anton Agius Muscat, Viċi-President; Sur Frans Sammut, Segretarju Onorarju; u s-sinjuri, Dr. C. Briffa, Mons. Lawrenz Cachia, J. J. Camilleri, Anton Cassar, Ant. Mercieca, Rev. Patri Victor Xuereb, S.J. Is-Sur Eman. F. Attard, Teżorier Onorarju ma kienx jiflaħ dak in-nhar.

    Kienet laqgħa li ħadet xi siegħa u fuqha. Fil-bidu tal-laqgħa kien hemm rappreżentanti tal-"media" jisimgħu lis-Sur Achille Mizzi jgħid kelmtejn ta' ftuħ u jieħdu ritratti tal-preżenti.

*(Nota ta' l-Editur: Anton Agius Muscat ħatruh Viċi-President fil-laqgħa ġenerali straordinarja tal-Għaqda, 24 ta' Novembru 1995.)*

# Il-Moviment Qawmien Letterarju – Tletin Sena Wara

ACHILLE MIZZI

F'din il-ħarġa ta' "Il-Malti" qegħdin nikkommemoraw it-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Moviment Qawmien Letterarju.

Għal dan l-għan qegħdin f'dan l-għadd nippubblikaw xi xogħlijiet ta' awturi li kienu kkontribwew f'dan il-moviment u li għadhom jiktbu sal-ġurnata tal-lum.

Bħalma wieħed jista' jara, din hija biss għażla rappreżentattiva kemm għax dawk l-imsieħba li kienu jiktbu huma ħafna, kif ukoll għaliex xi wħud intefgħu b'ruħhom u ġisimhom għal ħidma f'oqsma oħra tal-ħajja u ma ssuktawx jiktbu.

Hu x'inhu, jibqa' l-fatt li l-Moviment li nibet mal-qawmien ta' Malta ġdida – Malta Indipendenti ħalla impatt enormi fuq il-mixja tal-letteratura Maltija fl-aħħar snin tas-seklu għoxrin. Jekk wieħed mill-għanijiet li kellu l-Moviment, jiġifieri l-qawmien ta' l-Ilsien Malti llum tbiel xi ftit mal-mixja taż-żmien, mhux hekk jista' jingħad għall-prodott letterarju li baqa' ħaj u huwa xhieda awtentika tat-tiġrib u t-tqanqil spiritwali tal-poplu Malti.

Bla ma ngħajbu x-xogħol ta' dawk li kitbu qabilna, nistgħu ngħidu li dak li nkiteb mis-sittinijiet 'l hawn huwa l-qofol tal-letteratura Maltija fl-qasam tagħha u dan mhux biss f'dak li huwa volum iżda, u wisq aktar, f'dik li hija kwalità.

Kontra dak li jaħsbu xi wħud, din ma kinitx kampanja kontra t-tradizzjonalisti, iżda mewġa ta' entużjażmu, qawmien sħiħ b'ideali ġodda li minnhom ittieħdu saħansitra bosta mill-kittieba stabbiliti bħal Karmenu Vassallo, Giovanni Curmi, Pawlu Mifsud, Anton Buttigieg, Wallace Gulia, Valentin Barbara, Kilin, Bertu Cassola u oħrajn.

Il-Moviment ma kienx la akkademja u lanqas għaqda fil-veru sens tal-kelma, u għalhekk dan l-isforz ma setax ikun sostnut għal tul ta' żmien. Kien bħal berqa fid-dlam li, madankollu, ħarrket u ħakmet lil bosta u li ħalliet effett fit-tul mhux biss fil-letteratura iżda wkoll f'oqsma oħra ta' l-arti bħal dik viżiva u dik mużikali. Anzi jiena naħseb li dan il-Moviment kien l-ewwel u l-aqwa stimulu li laqqa' artisti ma' xulxin minn diversi oqsma u ħajjarhom jaħdmu flimkien.

Dwar dan il-Moviment diġà ntqal u nkiteb bil-bosta, iżda valutazzjoni sħiħa għad trid issir mhux tant billi jingħadu l-fatti li seħħew darba iżda billi jiġi mistħarreġ u magħruf il-prodott sħiħ ta' dawk li darba kienu protagonisti u li għadhom ħajjin u mimlijin bil-għomor iżidu u jkattru b'xogħolhom il-letteratura Maltija.

# Tliet Battuti mhux Kompluti

MARIO AZZOPARDI

1. fis-sinjali tal-ballati m'għadux jemmen.
   Illum jitwalu biss idejh
   għal spazji bla żmien,
   mingħajr mumenti fissi.

   Żmantella kemm-il fruntiera
   biex kull darba
   sab ħitan ġodda
   mibnija fid-dlam
   hu u jilgħab waħdu
   bil-karti tax-xorti.

   Fuq spalltu sarġ imqaddem.
   Iż-żiemel li saq tgħaddam u miet
   mal-ballati maħruqa
   fil-jiem tal-kruċjata.

   Fadal biss l-orizzont
   jirtira l-ħin kollu
   u idejh jitwalu
   għal spazju assurd.

2. fl-għamajjar tat-talenti
   l-ħjut ta' l-impotenza
   rassew kollox.

   Il-mużajk imfarrad.
   Iż-żebgħa mqaxxra.
   L kitarra sfrundata.
   L-versi miftuqa.

   fl-intrata
   għad hemm l-istranġier bla isem,
   jieħu n-noti
   fuq pitazz bla folji.

3. Dar is-sadid
   mal-plakka ta' l-eżistenza tiegħu.
   Hu: il-poeta tal-mirakli,
   li ħoloq l-allat u ġarrafhom bla skruplu.
   Kulħadd stenna li dakinhar
   mill-ħofor ta' snienu
   se jxebilku l-fjuri.

   Sakemm
   b'għaġeb kbir ta' kulħadd
   mal-plakka tal-memorji
   u minn ħalqu,
   beda jiżżerżaq aktar kliem.

   *Araw,* qalu: *Dan għadu jitkellem.*

# Ittra ta' Mara Ħalliema

MARIO AZZOPARDI

Għażiż tiegħi:

Erġajt ħlomt l-istess ħolma
ta' l-istatwi ffriżati
b'idejhom mgħollija,
jikkundannawna.

Il-lum qabel norqod
se nħares fil-mera
u l-poża nieħu ta' xebba,
stil-Botticelli.

Jekk xagħri jimtela bl-insetti
u sidri jagħmel id-demm,
inkun naf li għandi noqtol il-ħolm
qabel joħorġu mill-friża l-istatwi.

Biex noqtol il-ħolma
rrid nisħtek, għażiż tiegħi,
fil-lejl tal-ħġejjeġ.

Imbagħad insir warda bajda,
tisponta f'deżert,
mingħajrek.

# Imħabba Sewda

xenqiet il-baħar

ĠORĠ BORG

Iktibli fir-ramel li tħobbni
—dil-qalb qed tixxennaq għalik.

Bil-mewġ li jinsilet minn ħdani
irrid li ngħattik.

Hawn isfel f'dirgħajja tistrieħ,
hawn isfel fid-dlam ta' ġol-qiegħ.

# Naf Tifel

ĠORĠ BORG

Naf tifel li tela' mill-baħar.

Naf tifel li farfar tfulitu
fuq medda ta' ramel.

Naf tifel li x-xatt kien pajjiżu
u l-mewġ kien id-demm jiġri fih.

Naf tifel li reġa' mar lura
fil-baħar,
fil-qiegħ.

# Metaforosi

ALFRED DEGABRIELE

Tfajla,
issa li qalbi saret ġugarell
bla ebda sentiment, għal ħafna;
issa li int taf li ċ-ċaħda kiefra
tweġġagħni, bħalma tweġġa'
il-kisra ta' għajnejk kull għodwa
hekk kif narak il-bieb tagħlaq warajk
u tmur ħosbiena lejn ix-xogħol
u, waħdek, taħseb f'dak li kien,
f'li seta' sar,
f'li tixtieq qalbek;

issa li l-Bieraħ
m'għadx fadal fih tifsira ta' li spiċċa
imma xewqa ta' żmien ħlejju
bħalma tifkira treġġa' fina
tqanqil is-sliem u xenqa li ngħixuha;

issa li jiena nħossni bħall-marid pupletiku
ġo sptar fejn Tama ma timraħx,
fejn Ħniena ma tfissirx għajr weġgħa,
fejn Bikja ma ssarrafx għajr bikja
jew tnehida;

tfajla, issa li sirt nafek aktar
u ħabbejtek
f'kull imkien ta' qalbi,
ħallili biss b'tifkira
viżjoni ta' l-imgħoddi w t'issa,
u d-demgħa tilma
li rajtlek tul ħaddejk dan l-aħħar . . .

Għax issa d-dawl tal-jum intefa:
biss ħsiebi jikser is-serħan u s-sikta!

## Bħan-Nar tal-Festi

Alfred Degabriele

Bħan-nar tal-festi b'ħeġġa tlajt fil-għoli
'il fuq 'il fuq mill-bjut ta' qalb il-kotra
biex nimraħ 'l hawn u 'l hinn fis-sema wiesa'
bla naf 'il fejn it-tarf ta' naħa w l-oħra.
Xtaqt nimla dlonk fid-dlam bi lwien imsaħħra
dlam ċappa miksur biss bi kwiekeb jiddu,
iħarsu 'l isfel bħal fil-briju mkebbes
ta' qalb imħeġġa f'dak il-jum tal-festa . . . .

Bħan-nar tal-festi xtaqt inħaddnek miegħi
'il bogħod mill-weġgħa ta' għajnejn miksura
li taħbi dmugħha u li tostor għommtha
tul triq mimlija nies u tħossha wħidha.
Biex ngħidlek issa dak li ħadd ma qallek
x'ħin tieqaf tolfoq bla ma turi d-demgħa!
u tifhem l-għala taħkmek l-id fid-dalma
ta' l-għeja w swied il-qalb ġo fik miġbura.

Bħal tfajjel ċkejken medhi bil-kuluri,
intfajt ħosbieni naħseb fik u fil-bieraħ –
fil-baħar ikħal kollu mewġ melliesi,
fid-dawl inemnem ta' lukandi mżejna.
'Mma meta dhertli int, bħal f'ħolma ġdida,
u ttawwalt fis ħa nilħqek u nerġa' nżurek,
dlonk għebu l-ilwien sbieħ ta' xewqti fiergħa . . .
u ntfew mill-ġdid ilkoll bħan-nar tal-festi!

# Temporale

VICTOR FENECH

Bis-saba' tal-kundanna l-poplu Ruman sallab/ħaraq l-ewwel Insara fi żmien imbiegħed. U l-erwieħ-martri telgħu kor tnejn tnejn – ħamiem abjad/ilsna nar – lejn il-premju mwiegħed. (U Neruni xeher għalxejn).

Illum minn Via Nazionale ġejt fuq il-Kolossew iswed bl-*exhaust*. Ix-xita siblet f'daqqa, tisrip/riefnu/ragħad ifaqqa' – f'dillierju deher dal-post! Fir-riċess ta' waħda mill-ħnejjiet tħarrket ħamiema bajdanija tistkenn mit-taqliba sajfija li ħakmet bla twissija.

It-tbarqim tagħha ma kienx għall-martri antiki bħal fossili fil-blat; pjuttost kien karba-sogħba għall-istat ta' tempju hekk grandjuż illum priġunier silenzjuż bejn mijiet ta' vetturi ġġammjati – bħal swaba' ta' kundanna – iqaħqħu l-karbon monossidu f'tarantella tal-fgati.

# Foresti-Xita

VICTOR FENECH

*Donor Scheme?* Agħtuni l-formula ħa nimlieha. Agħtuni t-tessera; fil-kartiera npoġġiha.

Hieni nħossni li ma' mewti jista' jgawdi ħolqien ieħor tingħatalu ħajja ġdida. Imma x'se nħalli lill-foresti-xita ta' l-Amażonja? Jewwilla mhumiex fil-bżonn bħal ħuti l-għomja?

Kif nista' naċċerta li l-orkidi u l-mossi u l-bromlijadi u l-mirjadi pjanti ta' l-arja jibqgħu jxettlu fis-sliem fil-ħelsien bħal m'għamlu tul sekli minn sbieħ il-ħolqien?

Kif nista' niżgura l-valzer kuluri ta' xtieli u fjuri, it-timbri jvarjaw t'eluf vuċijiet, il-ħsejjes misteru, is-skiet omniveru, il-leħen stramb- ħelu ta' xadini u żrinġijiet?

Kif nista' qatt nemmen li t-tliet mitt miljun speċi ta' insett se jkomplu jkattru mhux mittiefsa f'dan l-ambjent paċi perfett?

Jingħad madwar ghoxrin fil-mija ta' pjanti/tjur dinjija jgħammru f'dal-foresti tropikali. U l-bniedem – ir-re tal-ħolqien kif dejjem kien – kuljum jgħarbel-jiġri-jħuf, sigar jisserra/sigħan jillivella bl-eluf, jibni-jimpala-jistagħna . . . u x'jimporta l-bidliet radikali fl-ambjent naturali? Evviva l-art tagħna!

# Qamar tal-Vikingi

CHARLES FLORES

Ja qamar tal-Vikingi,
fejn marru u ħbew l-imqadef
dawk l-imxajtna?
fit-terrapien
taż-żmien
u l-ilma kiesaħ ta' l-imgħoddi,
jew fil-masġar sfiq
fejn l-uċuħ mudlama jħarsu
lejk mill-għoli
bħal għefieret jiżfnu f'nofs it-triq?
Ja qamar tal-Vikingi,
għalfejn id-dgħajjes kbar maqbuda
f'ħalq ix-xmajjar
bħal donnhom papri ġwejda jistennew
il-piż ta' riġlek nieżel
fuq ġwinħajhom?
Aktar ma l-ilma jiksaħ u jiċċara
aktar tara
lili u lilek niflu l-ħofor f'wiċċna
u l-widien iterrqu
f'ġisem li ma jridx ħlief jitla' fuq id-dgħajsa
ħa ssalpa 'l hinn mid-dħaħen
ta' filgħodu,
flimkien infittxu dawk l-imqadef
li darba ħbew il-Vikingi.

# Pakkett Nru. 49

CHARLES FLORES

Illum imqartas fil-karta mlewna
tal-bieraħ.
Dal-ħin miftum fil-għafsa ta' siegħa
ilu.
Dal-waqt mikdud mis-seħer tal-ħolma
li kellek bil-lejl.
Daż-żmien li twejt pulit
fuq il-mejda tal-mogħdija.

Hekk . . . kif titlaq tiġri 'l bogħod
mill-arloġġ itektek
tik-tak tik-tak
tik-tak tik-tak.
Iż-żmien għaddej .
u inti għadek qed tistenna lili
bħal ruħ ta' transesswali
li la jaf fejn mar
u lanqas minn fejn ġiet.
Il-ħtija tiegħek biss.
Issa tista' tkisser il-mera.

## Il-Bieb Imsakkar

OLIVER FRIGGIERI

Jekk fil-għaxija tiftaħ qalbek beraħ
jidħollok dlonk il-lejl u jorqod għandek.
Jekk tul il-lejl tiċċassa lejn il-kwiekeb
huma jkellmuk bil-lingwa tas-sigrieti.
U jekk tgħaddi s-sigħat imqajjem, tisma'
fil-ħemda l-qalb ta' l-univers ittektek.
La tinħasadx: issemma' sew u tifhem
li ż-żewġt iqlub itektku b'ritmu wieħed.
Tkun sibt il-bieb imsakkar tal-misteru,
lilhinn mill-bieb ħadd għadu qatt ma rifes.
Ftakar it-triq biex tagħraf terġa' lura.

## Kull Ħolma Tqila

OLIVER FRIGGIERI

Taqagħlek minn idejk kull ħolma tqila
u tinżel biex tiġborha u tkun ġà nkisret.
Tinsiġha kelma b'kelma w titgħallimha
malajr bl-amment u wara ftit tinsieha.
Tkenninha bejn idejk bħal xemgħa tixgħel
u tasal żiffa riħ u titfihielek.
Kull telfa ġġib warajha ħolma ġdida
biex ta' kull darba tiġri din l-istorja

u tidra dir-rutina w terġa' tibda.
B'għajnejk mgħammdin tiġġerra wara sħaba
tistenna li tilħaqha qabel jidlam.
B'idejk miftuħa ssellem lil min jgħaddi
u l-folla tibqa' miexja bla ma tħares.
fis-suq tal-ħolm tikkorda l-prezz u ttella'
mill-portafoll ta' qalbek l-aħħar lira.
Taqagħlek minn idejk kull ħolma tqila
u jasal jum li lanqas biss tinduna.

# Wara l-Bwieb tal-Ħġieġ

*Silta mir-rumanz mhux pubblikat*

RAYMOND MAHONEY

*Ommu.*

Tmewweġ ma' saqajha sbieħ il-libsa twila bajdanija mal-qigħan ħadrana tal-bosk. Il-foresta ta' tfulitu. Il-masġar ta' żgħożitu.

*Ommu.*

Qajl qajl, bil-mod itterraq, passejha żgħar, ħelwin, bħal binja lmija, b'ħeffa ta' ballerina, ċerva ġwejda żżiġġ minn bejn il-weraq kbir, dellija.

*Ommu.*

Ġisimha jfewwaħ ħlewwet taqtir t'għasret il-ward, l-istefanotis, ġiżimin jogħnos fuq l-imħadda ta' sbuħitha.

*Ommu.*

Xuxitha qastnija tfewweġ ma' l-irjieħ u tostor sidirha sħun, taqa' fuq spallejha bħal għata msaħħra f'lejla ta' ksieħ u mħabba.

*Ommu.*

Mistrieħa titbandal fid-dgħajsa wenniesa mdawra b'tax-xmara ċ-ċafċif tal-mewġiet li jħeddlu, li jqanqlu.

*Ommu.*

Fil-jiem ta' sfuret il-qamħ u l-ewwel ħuttaf, fl-imrieżaq ta' xemx staġun ġdid, isserraħ riġlejha fil-ġonna tal-villa sajfija fil-wesa' tax-xgħari.

*Ommu.*

B'leħenha ċar u ġieri tgħanni man-noti fuq il-pjanu jperreċ melodiji ta' tifkir fi ljieli nostalġija, f'għodwiet melankonija.

*Ommu.*

Fuq l-ifrem żiemel iswed taqsam l-għelieqi, tofroq il-ħdura xeblieka f'tlebbit li jqawwi ż-żiffa tħannen lil ħaddejha fietla.

*Ommu.*

Hu.

Binha.

Istvan.

*Oħtu.*
Żagħżugħa lewn l-għasel u l-ward. Ħafifa daqs ilmet nixxiegħa isserrep fix-xquq bejn il-blat.
*Oħtu.*
Lventa, fuq ruħha, nifisha maqtugħ, tiġġerra fil-logħob ta' min moħħu fuq ġwejnaħ l-irjieħ.
*Oħtu.*
Bħal ninfa, sirena, bħal xbejba tal-ħolm fuq fommha ħamran il-bews ta' min ħabbha – żagħżugħ bit-tinqixa tal-bronż u tad-deheb.
*Oħtu.*
Tbissim'tha u d-daħka titliegħeb fuq xoffet il-hena ta' jiemha bla mġebbla bid-dieq.
*Oħtu.*
Taħt l-għoli tas-siġar, dirgħajha ma' qaddu, turih it-titjir tal-għasafar ġo beraħ kaħlan.
*Oħtu.*
Quddiem il-fuklar fl-ixtiewi li jdendlu m'għajnejhom il-qtar imtertrin tal-ħalbiet, bi ktejjeb f'ħoġorha, u hu, jnewlilha l-ħlewwiet.
*Oħtu.*
Tisqih mill-kristall il-benna ta' togħmet l-inbejjed u tbusu fuq kpiepel għajnejh x'ħin fl-eqqel waqtiet ikarwat ir-ragħad.
*Oħtu.*
Tfisqilu kull biża', tberridlu ħuġbejh u b'swaba' imrejxa 'l xagħru tofroqlu fl-iljieli ġrajjiet u stejjer ta' qabel l-irqad.
*Oħtu.*
Tbaskit ta' ħbejżiet. Ħalib mill-irziezet u x-xiwi tal-ġwież fir-reżħ malli tinżel ix-xemx tal-Ħarifa.
*Oħtu.*
Li ħabbet, u ħennet, li għajxet.
*Oħtu.*
Li ġarrbet. Li ngħaqdet mar-raġel li ħabbha u tbiegħdet sa għebet u ntilfet fiċ-ċpar tat-tnessija.
U hu.
Istvan.

Hu li baqa' waħdu.
Sa ħolom b'dak li ma rax u f'dak li ra, stħajjel.
Sa ħaseb f'dak li ma sabx u f'dak li sab, xtaqha.
Sa t-telfa nbidlet f'ċaħda, iċ-ċaħda f'kilba, il-kilba f'ossessjoni.
U kieku baqgħu hu u hi.
Istvan u ommu.
U kienu kibru maż-żmien it-tnejn li huma, it-tnejn li kienu, meta l-masġar kien igezzez fih surithom, meta s-sħab dellel is-sjuf u tberred l-għatx fin-nixxigħat. Meta l-weraq lewn in-naspla fi sfuritha waqa' fuqhom fil-Ħarifa ta' mitt frotta bellusija. Meta tgħasar it-tuffieħ u r-raba' nżera'. Meta l-ewwel rumminiet xirfu misthija fuq il-frieghi

sabiex ħammru l-weraq niedi f'qtar ix-xita. Meta qamu mill-imbiegħed, jonfħu l-għadab irwiefen ġodda ta' staġun l-għaġuża mgħakksa ta' kull ħajja. U kien baqa' jħobbha. Bogħod minnha, hi, ħabbitu.

U meta ltaqgħu, iġġeddu t-tifkiriet ta' meta l-ġonna fewħu u warrdu, ta' meta l-qċaċet bajdu u ttajret fuqanija l-ajkla tibni l-bejta. Xbubitha kienet fetħet sew bħal warda u 'l mara tal-ħolma tiegħu raha ġo fiha –
hi li kienet dell ħafif ta' ommu.
U ommu kienet kibret.

# Femminista

ALBERT MARSHALL

mistoħbi fil-mara
dejjem lest dejjem imħarrek
il-bidu:
*locus* għall-leħor

id-daħqa ħajna tal-medusa

*l'ecriture* femminili dekostruzzjoni
mingħajr rikostruzzjoni

il-kitba . . . l-attività li żżarma xogħol il-mewt
jew *ensemble* armonizzat bejn kitba u mewt
mhux żewġ forzi miftuma maqbuda f'sekwenza
sterjotipata
ta' ġlied u espulsjoni (jew xi forma oħra ta' mewt)
imma żewġ kunċetti dinamizzati
eternament
minn proċess bla tmiem ta' skambju minn suġġett għal
ieħor

metafora ġuf
*locus* fiżiku
u *locus* metafiżiku
binarji mhux neċessarjament opposti

ommi marti binti
metafora
u n-nisa l-oħra kollha li mhumiex minn laħmi

# Vudu

ALBERT MARSHALL

ħoss safi li jivvampa minn qalb il-ġamar rieqed tas-silenzju
difa purità ta' kulur li jfeġġ minn wara l-ħġieġ
dawl ta' mument sajjetta li jibber fil-qigħan t'għajnejn min inħobb

tliet frammenti kwiekeb feġġa
kannizzata tat-tajjar . . .
għanja vampa
merżuq xemx
u ħarsa leħħa li tvenven ir-ruħ

tliet vleġeġ sparati minn qaws l-univers
qasmuli laħmi u l-ispirtu
għamluli vudu
u esportawni lejn l-ispazji inkonċepibbli ta' moħħ alla

tliet tmellisiet każwali
iltaqgħu trinità fiċ-ċentru ta' l-eżistenza tiegħi
ġabruha fil-ġjometrija tagħhom
u sparaw biha lura mnejn ġew

Daħlet id-dinja ġo fija
u reġgħet ħarġet minni bija b'kollox

mill-persjani ta' ruħi
l-krepuskolar ta' *aurora borealis*
*x-files*

mill-bqija sens qawwi
reali
ta' unità ma' żokret l-univers

# Serp

Daniel Massa

fl-ibgħad gżejjer tal-Paċifku
il-palm jomxot iż-żerniq vampa nar
ġo baħar kristall tgħallimt ngħum għal dahri
iż-żifna tar-riskju
mas-serp tal-korall . . .
u fuq ir-ramel miknus qxur is-siċċ
*injection* għal-lest kontra s-semm
idur fuq denbu
b'zokk vleġġa rassejtu minn għonqu w ferfirtu minn denbu
u għandi r-ritratti jekk trid
ħabib
ejj' arahom
ritratti bis-serp tal-korall –
tista' tilmaħ fl-isfond qxur is-siċċ abjad silġ.

U f'nofsinhar
qrib l-għadajjar tal-gżejjer
meta wara x-xita x-xemx staħbiet
fil-widien miksija iroko
jindiehes mal-ġilju
is-serp ma lmaħtux sa dar jitwennes m'għarqubi
w erbat ijiem u ljieli
xammejt is-semm jinvadi l-arterji ta' ġismi
bħal ġilju qed jiftaħ ifewwaħ ġo demmi
f'dellirju ta' deni
inaqqar bħal *laser* ix-xmux f'qiegħ għajnejja

U issa mat-tektik ta' l-arloġġ *kwarz*
ma' nofs in-nhar illum
kif dort fuq takkuntek ħabib
fakkartni ftakart
fl-isfond qxur is-siċċ ġo baħar kristall
fil-fwieħa tal-ġilju mas-saqaf ta' ħalqi
ir-riħa velenu tas-serp tal-korall.

Ix-xewk ġewwa għajnejk ma rajthomx
iżd' għajnejja
kif dort fuq takkuntek
ħabib
ma jinsewkx

# M 42: Saif u Riġel

DANIEL MASSA

Għal daharna
bil-kwiekeb jinxtegħlu madwarna
nġbarna nonogħsu fis-setaħ fuq mitraħ tax-xkejjer
nisimgħu
l-istejjer tan-nassab iħuf fil-bur

għonqna rmazzat
għajnejna fissi fuq erba' ponot ta' labar
missieri jilmaħ u b'sebgħu jwissi
kull kostellazzjoni xenqa ħamra
tqarraq fit-triq tal-kalzrata
tistenna l-ħelsien

l-iskorpjun jindiehes mas-serp
jonsob f'għarqubu l-kaċċatur bil-ħatar
iħuf fil-foresta minfuda mir-raġġi tal-qamar
ifittxu b'urġenza
t-tarka tax-xebba tal-ġmiel

u l-beżqa ġ'għajnejh tax-xebba maħsuda
bi ngħas fost il-ġilju
tagħmih
migdum f'għarqubu l-gwerrier saż-żerniq
riġlejh qed jitqalu bis-semm
sajf sħiħ jistenna
tiela' skorpjun ma' riġel il-ħamra
kewkba
tħabbar il-weġgħa tax-xebba tal-ġmiel

# Blanzun

ACHILLE MIZZI

Qalb id-dvieren . . .
qalb il-griebeġ ta' Gaża
agħma
bħal Sansun
nitgħaxxex għad-dawl.

Qajla qajla jmutu
iċ-ċelluli tal-moħħ
u mmut jien:
l-individwu.

Madwari d-dellijiet iħufu
bl-inċertezza
tax-xemx bħal laringa anemika
li bla ħajra titnikker
milli titla' bħal dejjem
mix-xefaq
tiżbroffa.

Kemm hu kiesaħ l-għamad tar-ruħ!
. . . it-turment li jagħfasna bid-dubji
bħal serpent jagħsarna
mill-polpa.

U x'kilba tkun din
li dal-baħħ mudlam ta' madwarna
niffullawh
bit-tgedwid u l-ħamba
t'ilħna jitniehdu
u ta' pupilli likwidi jitbissmu
bħal skerz ta' ġol-ilma!

Aktar ma ninżel stronkjat
f'labirinti għammieqa
fejn ma ddawwal
la xrara
la mnara
aktar nixxennaq għall-inkontru
tal-periklu agħmi
mal-misteru ta' l-imħabba u tad-dawl.

Imnalla . . .
il-ħila taħjini
li noħlom u ngħanni
fl-etern
il-ftuħ tal-blanzun.

# Tifsir

ACHILLE MIZZI

Xi jfisser
l-isfumar tan-nhar fil-lejl
u l-lejl fin-nhar . . .
it-taqlib ta' l-isjuf u l-ixtiewi
u l-fawran ta' l-imħabba
li tibred fl-irmied?

Fit-trabokk ta' l-istorja
sakkarnieh iż-żmien,
– jew hekk mingħalina –
fil-Mene, Teqel, u Parsin,
fil-maskla mdiehba t'Agamemnon,
fiż-żwiemel ta' Trojja . . .

Mill-Pirinej
niżlu t-trovaturi jgħannu r-romanzi
ta' xbejbiet kasti
u kavallieri qalbiena,

u ssawru provinċji, renji u repubbliki,
u żegħdu n-nies, ġnus ħakmu u nħakmu
u nibtu filosfi u filosofiji
u nkisbu sejbiet ta' magni u strumenti
u tħawwad il-moħħ, fantas ħut u żwiemel,
pjaneti, vapuri u bini għoli
ħamsin sular
daqs it-torri ta' Babel.

Iżda wara kollox
– anzi qabel –
xi jfisser
l-isfumar tan-nhar fil-lejl u l-lejl fin-nhar,
it-taqlib ta' l-isjuf u l-ixtiewi
u l-fawran ta' l-imħabba
li tibred fl-irmied?

# Is-Snin

FRANS SAMMUT

L-aħħar darba li rajtu deherli kellù bixra oħra minn ta' dari. Bixra ġdida, għad li fis-sew qadima. Ġdida għaliex ma kontx nafha fuqu. Ma kinitx ir-radda ta' moħriet iż-żmien. Tikmix qajla kellu.

Kienet biss dehra ta' skiet. Ta' ħemda. Donnha tfakkrek fil-qagħda ta' min għeja wara li ħadem ħafna. Jew ħabrek ħafna. Jew sempliċement għex ħafna . . . u bata bil-mestier tal-għajxien biex nisirqu frażi mill-kittieb Taljan Cesare Pavese li kien għeja jgħix u qatagħha li jneħħi ħajtu b'idejh.

Ħabibi ma deherx li wasal biex jagħmel bħall-kittieb Taljan. Il-ħemda li donnha waqgħet fuqu u waqqfitlu ċ-ċaqliq ta' ġismu li dari niftakru maħkum bih u żammitlu t-taħrik ta' għajnejh leblieba kellha mill-ħemda li aktar donnok isseħibha mal-ħemda fuq wiċċ Binġemma. Kif nibda ngħid, il-ħemda tal-għerf miksub mis-snin kbar imgħoddija?

Imma ħabibi ma kienx xiħ, qadim bħall-iġbla ta' Binġemma. Kellu biss ftit aktar minn ħamsin. L-aktar tnejn u ħamsin jew xi ħaġa żgħira fuqhom. U b'danakollu deherli donnu raġel ta' sebgħin, ħamsa u sebgħin. Il-ħabba ta' għajnejh ukoll rabbiet madwarha dak iċ-ċirku abjad li jixhed dħul l-aħħar taqsima tal-ħajja, meta l-bniedem ikollu jibda jbaxxi rasu għad-destin taċ-ċiklu tal-ħajja. Jibda jilqa' l-ħsieb ta' għeluq il-ħajja li ġarrbu ta' qablu u għad iġarrbuh ta' warajh. Iżda li hu donnu ħolom, stħajjel li lilu ma jmissux jaqbżu, jibqa' għaddej mingħalih.

U issa f'daqqa waħda donnu ntebaħ li ma kien ħadd aħjar minn ħaddieħor, mill-oħrajn kollha. M'għandniex xi ngħidu, dal-ħsieb kiddu qatigħ. Bilfors li ġarrab taqbida ħarxa ma' dal-ħsieb, taqbida li tqabadha iżda seta' biss jitlifha. Iżda daħal għaliha għax ma satax jagħmel ieħor. U għejjietu. Filġitu, u ħallietu bla nifs.

Meta konna żgħażagħ, ħabta ta' tletin, ħamsa u tletin sena ilu, kont nafu xort'oħra. Dejjem jidħak, dejjem fuq ruħu. Ma jibża' tista' tgħid minn xejn. Ma jaqta' qalbu quddiem l-ebda saram.

Id-dinja jeħodha biċ-ċajt, ma jħabbel rasu b'xejn. Ma' xejn, ukoll ma kien jorbot qalbu. La mal-flus, la mal-ġid. Lanqas man-nisa. Kien donnu farfett, itir minn fuq tfajla għall-oħra. Bl-għerf ċajtier tiegħu kien jilmenta li waħda tnessik lill-oħra u għalhekk qajla seta' jintrabat ma' xi waħda minnhom.

Meta żżewweġ ukoll hekk baqa'. Il-familja għalih kienet il-fortizza. Il-fortizza ma jmisshielu ħadd. Iżda ftit li xejn kien iħobb joqgħod fil-fortizza. L-għors tiegħu jitbiegħed minn għeluqha u jħuf u jimraħ f'mergħat oħra. Donnu pellegrin bla sabar, jew trovatur ħerqan li jterraq minn art għall-oħra u jithenna bil-bixriet u x-xejriet tagħhom.

Li kellu qalbu tajba kulħadd kien jaf. U kien hemm min kien jirkbu minħabba fi tjubitu. Iħenn għal kull min jinzerta anqas xortih tajba minnu. Iżda għal min kien aħjar, aqwa jew ogħna minnu ma kienx jgħir. Fis-sew kien wieħed mill-ftit nies li naf li l-għira ma tagħmilx bihom.

Ħafif sewwasew daqs farfett kien ittajjar minn fuq werqa għall-oħra, minn fuq

ward u ġieli xewk u kien donnu se jibqa' żagħżugħ għal dejjem. Imbagħad f'daqqa waħda l-bidla. Donnu twarrab għamad jew star minn quddiem għajnejh. U lemaħ ir-realtà għall-ewwel darba, u l-ħasda kienet qawwija wisq għalih, ħarxa wisq għal bniedem li dara jitbandal fuq wiċċ il-mewġ tal-ħajja donnu tarbija mwieżna mid-dirgħajn rotob, ħelwin ta' ommha bi lqugħ mit-twegħir kollu tal-ħalel tal-ħajja.

Wara l-ħasda ġiet it-taqbida. Wara t-taqbida l-għeja u s-skiet u l-ħemda tas-sliem li jfiġġ ma' waqfien it-tqanqil. Hekk ħsibt jien fit-tgħarbil li għarbiltu ġo moħħi.

Ix-xjuħija, għidt bejn u bejn ruħi, ma tolqotx lil kulħadd xorta waħda. Hekk kif lanqas ma tasal fuq kulħadd f'għomor wieħed. Hemm min jixjieħ kmieni, hemm min tard. Hemm min ma jixjieħ qatt u jibqa' qisu żagħżugħ ta' dejjem.

Kont għoddni warrabtu minn ħsiebi bħal xi ħaġa li ġrat u ħadd ma jista' jagħmel xejn dwarha. La boloq boloq, m'hemmx wisq x'tagħmel. Hekk kien imfassal id-destin tiegħu.

Imma mbagħad sirt naf bi ġrajjiet oħra li ġarrab u ma stajtx nibqa' nħaddan il-fehma li kienet issawret ġo moħħi. Għadda mingħala widnejja għajdut li qajla kont norbtu miegħu li kieku ma qalulix wieħed li jafu sew ħafna aktar minni.

Billi niftakru moħħ ir-riħ ftit li xejn kont nistħajlu fil-qasam tal-familja. Naf li miżżewweġ, naf li kellu t-tfal, iżda qatt ma seħibtu wisq magħhom. X'aktarx billi hu kien iħossu mifrud minnhom – mhux fil-ġisem iżda żgur fir-ruħ – dejjem bqajt niftakru bħala bniedem waħdu, donnu għażeb, jew aħjar għażeb bi rbit familjari li ma jxekklux wisq fil-ħajja mqanqla tiegħu.

Iżda dan ma kienx minnu sa barra. Għad li ħabibi baqa' jgħix ta' għażeb wara li żżewweġ, jiħħielaq ma' ħbiebu jiġġerra 'l hawn u 'l hemm, waqfien qatt, il-ħajja ġdida li daħal għaliha ma setgħetx tħallih bla mittiefes. Jekk martu ma kinitx tħabbel rasha wisq minn ħajtu 'l barra mill-erba' ħitan tad-dar, ir-rabta ma' wliedu ma setax ma jħosshiex aktar mill-irbit ħjut ħjut li kellu mas-sieħba twajba li ssabbret kemm setgħet bih.

Din ir-rabta moħbija bejnu u bejn uliedu, jew nistgħu ngħidu bejnu u bejn demmu feġġet meta l-anqas li kienet meħtieġa. Meta kienu żgħar, lil uliedu qajla kien iħabbel rasu dwarhom. Mhux ma jħobbhomx, mhux ma jaħdimx għalihom, għax qatt ma naqashom xejn, it-trobbija ħaduha sew, bit-tagħlim kollu li kien jixirqilhom, u l-bqija. Iżda ma kienx dak il-missier mogħmi wara wliedu, jiġri bihom 'l hawn u 'l hinn, jeħdilhom ir-ritratti ma' l-ewwel okkażjoni li jsib, ma' l-iċken skuża . . .

Huma jgħixu ħajjithom, taħt il-ħarsien ta' ommhom, u hu jgħix ħajtu, lil hinn minn truf darhom. Ħadd qatt ma naqsu xejn. La huma u lanqas hu.

Imma mbagħad meta bdew jikbru, sirt naf, minn dak li midħla tiegħu aktar minni, beda jitrabba l-għaqqux. Ma kinux ilhom li tfarfru li wliedu ma bdewx juru li ma kellhomx wisq iktar sabar minn missierhom. Hu beda jiddejjaq. Beda jiddejjaq li bdew jikbru. Kien dara bihom żgħar. Donnhom ma jgħoddux. Xtaqhom jibqgħu żgħar għal dejjem. Jew għallinqas idumu kemm jistgħu ma jikbru. Ħa jibqgħu ma' djul ommhom. Fi ħsiebha bla ma joħolqulu għawġ jew tfixkil f'ħajtu.

U issa f'daqqa waħda wliedu kibru – donnhom minn trabi jridu minn missierhom u ommhom f'daqqa waħda saru rġiel ma jeħtieġu lil ħadd u ma jobdu lil ħadd. Għall-ewwel ma tax kas, bħal stenna li dil-qabża wkoll tgħaddi qisu qatt ma ġara xejn. Iżda mbagħad beda l-inkwiet.

L-akbar inkwiet nibet minn iben li ħareġ jixbaħ sewwasew lil missieru. Ħabibi din

qisu qatt ma kien jistennieha. X'aktarx qatt ma basar li xi ħadd minn uliedu kien se joħroġ b'xejriet bħal tiegħu. Dam ma laqa' din il-bxara fi mġibiet ibnu li min-naħa tiegħu baqa' jwebbes rasu li jġib ruħu kif jogħġob lilu għax ma riedx jifhem li kien qiegħed biss jimxi fuq il-passi ta' missieru.

Meta dak li żera' l-iben kellu jaħsdu wkoll il-missier, il-missier ma setax jissabbar. Jekk dari kienu jgħidu li dnubiet il-missier ibatu bihom l-ulied, fil-każ ta' ħabibi kien kollox bil-maqlub. Il-missier kellu jbati dak li wettaq ibnu. Tilef kull sabar, kull kwiet, bħal sab ruħu quddiem mera li x-xbiha li dehret fiha ma kinitx tiegħu iżda ta' ibnu.

Beda jitfixkel bejnu u bejn ibnu sa ma sar ma jagħrafx iżjed bejn il-wieħed u l-ieħor. F'daqqa waħda taret minn fuq wiċċu d-dehra sielma ta' dari. Il-bniedem li qatt ma ħabbel rasu b'xejn sab ruħu jinkwieta b'dak li wettaqlu ħaddieħor.

Dal-bniedem li ħaseb li m'hu se jixjieħ qatt f'ħin bla waqt sab ruħu xiħ u qrib tmiemu. Ħadd ma qallu xejn fuq hekk, għax ħadd ma ħa pjaċir b'li ġralu. Imma bosta, bħali, ntebħu b'li kien għadda mingħalih.

Hemm bosta modi kif wieħed jixjieħ. Hemm min iġarrab il-mard. Hemm min inin bil-mod. Hemm min, bħal ħabibi, iħoss it-toqol tas-snin, mhux fihom infushom, imma l-effett ta' dak li joħolqu u jnibbtu bil-mogħdija tagħhom.

## stqarrija

PHILIP SCIBERRAS

b'sempliċità nistqarr
li l-versi tiegħi ġġennu
fuq il-kwadrant
taż-żmien għaddej.
u l-kliem
jisplodu b'ferneżija
fil-vini ta' idejja
bla ma jinkitbu.

fir-rutina ta' kuljum
il-poeżija
tnin minsija
fl-imbiegħed ta' żgħożiti.

intom li nissejtuni,
agħtuni mill-ġdid
il-girlanda tal-vrus imżewqa
u l-għasfur ipnotizzat
bl-għanjiet tas-solitudni.

# ġungla

PHILIP SCIBERRAS

la tħallunix aktar nitliegħeb f'din il-ġungla

ta' qaddisin patruni,
anġli tal-fortuna,
u l-qaħba stuprata
bl-isperma tal-wegħdiet
f'torri ta' babel.

la tħallunix aktar nistordi f'din il-ġungla

ta' sħaħar inkantati,
propaganda u lotteriji,
u l-aġenti llamtati
bix-xaħam bla kontroll
fis-suq ta' l-inflazzjoni.

la tħallunix aktar nissielet f'din il-ġungla

ta' ħallelin korrotti,
qattiela bla valuri,
u d-deffien żombi
bil-mewt ta' l-ideal
fiċ-ċimiterju tat-telliefa.

# Saġġ fuq Diaspora ta' Albert Marshall

DANIEL MASSA

L-organizzaturi stednuni nitkellem fuq "xi aspetti postmoderni f'*Diaspora* – Poeżiji 1967–1996." L-Awtur? Tafuh, . . . iżda mhux importanti tafuhx jew le jekk se nitkellmu fuq l-element postmodern. Kif jinqata' l-Postmodern mill-Klassiku u l-Modern? Nagħtu daqqa t'għajn lejn id-differenzi. X'għandna fil-postmodern?

- *Antiforma* flok *Forma*
- *Kumbinazzjoni* flok *Disinn*
- *Tifrix* flok *Ċentrar*, tiknes 'il barra lejn il-periferija flok tmexxi lejn iċ-ċentru.

Bħala konsegwenza x'jiġri fil-poeżija postmoderna? Jiġri bosta drabi li *Orpheus* – li jirrappreżenta l-poeta – jitqatta' biċċa biċċa u l-partijiet ta' ġismu jitferrxu ma' l-erbat irjieħ. *It-Tifrix* joħloq *Diaspora*

Mela x'għandna fit-*text* imsejjaħ *Diaspora?* Bħalma jagħmel Roland Barthes nisħaq fuq element ieħor postmodern: l-*iscriptible [writerly] flok il-lisible [readerly] text.* Nisthajjel ilkoll tafu kif dan ġiegħel kritiċi postmodernisti jħabbru. Il-Mewt ta' l-Awtur l-idea li t-*text* huwa *Orfni.*

Ejjew neżaminaw *Diaspora* bħala Text *Scriptible / Writerly* li jistieden il-qarrej ma jibqax passiv iżda jipparteċipa attivament fil-produzzjoni ta' Fehma/ Meaning /Sens, iktar minn sens wieħed, sensi multepliċi. X'għandna neżaminaw?

Osip Brik, il-fundatur tal-moviment *Opojaz*, jaqbel li t-text huwa orfni. Iżid li poeti jew figuri letterarji ma jeżistux jew m'għandhomx jeżistu. Teżisti poeżija u teżisti letteratura . . . għalhekk għandek tevalwa l-Inventiva, l-Intelliġenza u "L-Isfamiljarizzar tal-Lingwa" li teżisti f'kull damma ta' kliem u f'kull poeżija.

Trid titgħallem tixref minn angolu jew angoli differenti, tikteb u tifhem b'mod ġdid. Victor Shklovsky [Art as Technique, *Russian Formalist Criticism 1965*] juri kif wisq drabi karatteristika fit-teknika ta' l-Arti postmoderna ddaħħal elementi strambi biex tisfamiljarizza l-oġġett – titbiegħed mill-"viżjoni komuni", mgħammda u aċċettata mill-kommunità, biex iżżid id-diffikultà tal-fehma biex b'hekk ittawwal il-proċess tal-perċezzjoni – għax it-tħaddim fit-tul tal-perċezzjoni fi spazji usa' jista' jsir għan estetiku fih innifsu.

Xi tfisser tisfamiljarizza oġġett, xbiha, simbolu, kunċett jew taħdit? Ngħidu aħna *Diaspora* xi drabi konxjament titbiegħed minn Master Code aċċettat/ impost mill-komunità biex timxi lejn modi ġodda kif tara u tiddeskrivi. Dawn il-modi spiss jinvolvu l-użu tal-vjolenza verbali. It-("trabokk tal-kliem") f'"Matmura Morta" mhux biss jaljena l-kittieb iżda drabi jonsob biex joftoq jew iċarrat it-*text/ pitirross*: ("dekostruzzjoni awdjoviżiva ta' dan it-test insinifikanti.") Wara kollox, kif jgħid Roman Jakobson, "Il-poeżija [bħala *genre*] tikkommetti vjolenza fuq il-lingwa ta' kuljum".

Fil-każ ta' *Diaspora* xi daqqiet il-vjolenza fil-kliem teħodha kontra ċ-ċentru morali aċċettat mill-komunità: F' "Manifest" iċ-ċentru morali jsir il-mira ta' ġebel mitfugħ:

u qtajtha
li la ngħix fi kristu
u anqas f'mammona
la ngħix eternità
u anqas ftit

qtajtha nkun biss
intifada kontra ċ-ċentru
għal-lum

mandatum amorali
xewka f'sorm kulħadd.

Il-paradoss hu li hawn ix-xewka qiegħda tintuża favur il-"golden mean" l-*ariston metron* tal-Griegi li twassal għall-għerf u t-tolleranza. L-Intifada/attakk fuq iċ-ċentru hija l-karatteristika ta' xi poeżija postmoderna jibda mid-*Dadaizmu* ta' Louis Aragon, Andre Breton u Paul Eluard minn żmien l-ewwel gwerra sal-lum. Jacques Derrida anzi sostna li ċ-ċentru li konna nimmaġinaw jibbilanċja, jorjenta u jorganizza kull struttura ma jeżistix – ċentru ta' sikurtà ta' l-istrutturaliżmu klassiku u modern mhux ħlief "funzjoni filosofika". [*Structure, Sign and Play in the Discourse of the Human Sciences. Ara Lodge p. 108ff*]

Jekk iċ-ċentru jiddiżintegra, x'jiġri? W.B. Yeats fl-1929 fil-poeżija apokalittika "The Second Coming" isostni li meta: *"Things fall apart, the centre cannot hold Mere anarchy is loosed upon the world."* Dak li drabi jiġri fil-letteratura postmoderna. Kif kiteb sew Ihab Hassan, il-Postmodern issa jiddistingwi ruħu mill-Klassiku u l-Modern billi jagħżel li jattakka l-logoċentriżmu; id-drawwa umana li tassenja l-verità 'l-kliem, il-vuċi tar-raġuni, il-kelma t'Alla . . . "fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet għand Alla, u l-Kelma kienet Alla." Meta jaqa' l-logoċentriżmu it-*text* isir *insinifikanti* tassew. Derrida jsostni li l-logoċentriżmu jiġġenera qafas li jagħlaq fih termini ta' perċezzjoni kontra xulxin, polaritajiet opposti bħal: essenza/apparenza, verità/gideb, morali/immorali fejn il-kelma ta' l-ewwel trieġi fuq it-tieni f'komunità bi pretensjonijiet morali u xi daqsxejn intellettwali.

Derrida jikkritika din il-ġerarkija? *Diaspora* l-istess. Tipprova *toftoq* il-lingwaġġ billi tirriversja l-ordni, tilgħab bil-ħoss jew għerq/ etimoloġija tal-kliem u espressjonijiet, tagħmel bidliet żgħar jew radikali. "Imħażen mill-Orjent:"

("ħames posti Salarju għal min hu fil-bżonn") biex isseħħ id-dekostruzzjoni. Meta se nżebbġu "ħames posti rużarju"?) Jew fi "Trittiku" fejn il-qarrej mogħti tislima morali/ reliġjuża ambigwa f'kuntest misluħ minn kull grazzja ta' "twelidħaximwiet":

ave
(eu)karistija
stasija
tittrija trikolor.

Dan jiġri wkoll f'"Matmura Morta"

idi tiżżerżaq bl-iskossi fuq wiċċ il-karta
tħarbex semjotika ta' *metalingwa*
ħsieb ħitt li ma jridx jinqabad fit-*trabokk tal-kliem*
jitbandal ma' djul il-paragrafi
jaljenani
. . . . . . . . .
*dekostruzzjoni awdjoviżiva ta' dan it-test insinifikanti*

"Matmura Morta" tixbaħ uħud mill-poeżiji f'*Diaspora* bħal "In-Nies tal-Vagun" li jagħżlu li jeżaminaw (". . . polaritajiet opposti / libido mistur fl-irkejjen mudlama tan-normi soċjali.), biex irossu kanna esplussivi ("fuq [taħt?] il-monolit taċ-ċentru") "Għall-Ħabta ta' nofs Jannar fl-Inħawi ta' Samaria".

Poeżiji bħal dawn jagħżlu li jagħżlu:

- l-"Anarkija" flok "Ġerarkija"
- "Proċess" flok "Xogħol Komplet Integru"
- "Antitesi" flok "Sintesi"
- "Mimikkjar/Pastiche/" jew "Parodija" flok "Semantika" meqjusa
- "Metalingwa" jew "Idiolect" flok "Master Code"
- "Mutant" flok "Tip"
- "Skiżofrenija" flok "Paranoia"
- "Ironija" flok "Metafiżika"

Ftit jew wisq dawn l-għażliet insibuhom jitferrxu/mifruxin/imferrxin ("f'esibizzjoni teatrali") "Ħa Nerħu x-Xlief Jissajja Waħdu" kważi kontinwa fil-versi u l-ħsebijiet tad-*Diaspora.* Għalkemm wisq drabi ("l-għanja seduċenti tad-dover") fl-aħħar tirbaħ, l-istedina biex ("nisfrundaw ir-serratura bil-furfiċetta ta' ġennata ta' mument") hi daqstant ieħor seduċenti. "Fuga" Din l-għajta sirena tista tiftiehem

bħala sejħa nihilistika jew bħala irrazzjonalità maħsuba, mezz kif tillibera "l-libido mistur" tal-kommunità jew tixħet dawl fuq l-irkejjen l-iżjed sigrieta tal-moħħ. Ħsibijiet, tifkiriet, xewqat, drawwiet, ħsejjes, superstizzjonijiet, ħjiel ta' talb, ritwal, rekordjati minn kittieb "nemmiesi" konxju li qed jiddramatizza artefatt u li f'xi waqt jeħtieġ ("nirreċta exit maestuż") "L-Istorja tal-Gifa". Xi daqqiet madankollu bħal ma jiġri fil-poeżija ta' John Donne, diffiċli tgħaqqad il-ħsus jaħarqu ġenwini ma lexis sofistikat/tekniku u daqqiet ukoll pretenzjuż bħal f'"Terzini Għal Qabel l-Elezzjoni" jew konxjament indeċenti bħal fi "Trittiku":

sitt bibien 'l isfel
jiffornikaw
bl-uġigħ
jorġjaw ġisimhom
u bil-lanżit
jissodomaw.

"Innumarċ lill-univers" jew "kompożizzjoni terramaxka"? Madankollu anqas ma nistgħu ngħidu li l-Klassiku u l-Modern ma jeżistux. Għandna elementi Romantiċi/simboliċi/tranxxendentali f'poeżiji bħal "In-Nies li Jtiru" ("fil-għoli jikkreaw / fil-baxx jifgaw"). Għandna r-ritornell effettiv mimli passjoni kważi karba f'"Inka" ("bormliża ħawtelija fadlilha lira biss mill-paga u sitt itfal minn tmienja.") Għandna l-emozzjoni qawwija taħraq imżewġa mal-għana tradizzjonali Malti f'"Għandi Binti"

kristabinti trabbi pupa
jisimha kristoball
u peress li jien nannuha
flok ħalib nisqiha ħall

Għandna t-tenerezza ta' "Disgħa Lvant" fejn minkejja li ("david agunija") huwa ("Djalettika ta' ċirku vizzjuż") niltaqgħu ma' ħsus awtentiċi jikkonfrontaw il-kultura tal-mewt Maltija mad-"dreaming ħawli" ta' l-Aboriġini.

Semmejt kultura. F'*Diaspora* jidher li hemm xewqa kbira, xenqa anzi, għall-kultura Maltija/Awstraljana iżjed wiesgħa, isbaħ, aħjar. Ix-xenqa għall-kultura li tagħmel sens tidher l-iżjed fl-aħħar terz tal-ktieb u speċjalment fis-sezzjoni msejħa *Bagħal*, bagħal – the hybrid. Referenzi rrabjati intenzjonati jameljoraw il-kultura nsibu ħafna. "Volte Face" ("nirrah lhudi / l-filistiniżmu kulturali li minnu ddakkart"); "Poeżija Griża" ("belt imħamba b'kulturi li ma tifhimx."); "Jiena l-Pataqq" ("razziżmu kulturali"); "Disgħa Lvant" ("fniek u figolli – arbli ta' razzitna

/ jirreżistu s-susa  ta' l-integrazzjoni . . ./ tebqa ta' kultura mbiegħda minnek."); "Ulied in-Nanna Marozz" ("isawtuna bil-bsaten kulturali tal-barrani.") "L-Istorja tal-Ġifa" ("Profeti kulturali ta' l-ewwel fillieri"); "Terzini Qabel l-Elezzjoni" ("anorexia kulturali"); "Kontinwità Mitnija Fuqha Nfisha" ("ikarku kultura ktajjen ġo ħalqhom ġenitali midbiela bil-għeja taż-żmien")

"Il-Ġublew tas-Safa" ("il-fosdqa tal-kultura *disposable* ta' dal-pajjiż") magħġuna mill-ironija u l-paradossi tal-*hybridity* ta' min la hu  żiemel u la ħmar iżda *bagħal*:

dejjem lhud tagħna nfusna konna
u l-malti/awstraljan primus inter pares
biex jinnegozja 'l ommu . . .

u fl-istanza ta' qabel:

tridx tixtri nofshom
di l-ustja art kollha x'se nagħmel biha jien
'qas b'isem malta ma rrid naf
aħseb w ara bil-medinna mtaħleb.

U hawn niġu għal kunċett ieħor postmodern. Naqraw f'*Diaspora*  li l-kittieb jittanta "L'Air de l'Eau" ("nidgħi sabiħ / u nsebbaħ id-dagħa.")

Id-qarrej ta' *Diaspora* ma jistax ma jismax dak li ħafna jqisu "dagħa" għall-widna tenera Maltija, ma jistax ma jkemmixx xufftejh ma riferenzi spissi lejn partijiet tal-ġisem / azzjonijiet / kliem normalment klassifikat vulgari li jitfaċċaw fil-biċċa l-kbira tal-poeżiji. Referenzi blasfemi, falliċi, ġenitali, androġeni, omosesswali, nemmiesa, fekali jidhru fil-poeżija b'regolarità. Kultant tistħajjel li l-użu spiss ta' l-*idiolect* vulgari se jiddomina l-Master Code impost mill-kommunità. Dal-vulgariżmi huma parti mill-attakk fuq iċ-Ċentru li semmejna qabel. Bħal Kaliban, il-kittieb ta' *Diaspora*  donnu jrid jgħid: "You taught me language / and my profit on't is I know how to curse". [The Tempest]. "Għallimtni l-lingwa, u  l-uniku gwadan tiegħi hu li naf nidgħi." Mela, il-qarrej irid jeżamina t-text sew u jiddeċiedi l-funzjoni ta' dan id-dagħa . . . irnexxielu fost affarijiet oħra l-kittieb ta' *Diaspora* ("jsebbaħ id-dagħa")? Jew dan l-iżverġnar tal-lingwa huwa orġja/tentattiv/attentat assurd  nihilistiku? Jekk il-qarrej/semmiegħ attent jista' jislet funzjoni valida estetika jew mhux-estetika, filosofika, soċjali jew kulturali fl-espressjonijiet imlaqqma indeċenti jew vulgari jkun jista' jsostni li l-kittieb tat-test *Diaspora* [li b'apoloġija 'l Roland Barthes issa jirxoxta] allura Albert Marshall bħal Sawl-bin-Kish ikun mar ifittex merħla ħmir u jkun sab renju. Jew, biex ma nesaġerawx, mar ilaqqat il-loqom Strada Stretta u sab kaxxa sigarri Havana fi

Strada Rjali. Jekk inhu hekk, ikollna naqblu li meta Albert ġie ("jitnejjek") u rrekordja dak li sema' [ma nistħajjilx li dak li ħolom!] ("fuq din l-ustja art . . . medinna") kien qiegħed iwessa' l-lexis poetiku Malti u jagħtina ħjiel ieħor ta' fiex tikkonsisti l-poeżija postmoderna Maltija. Bħal meta fil-poeżija "Antro-A-poloġija", il-("pinxiner") li żarrtet erba' mhux ħażin biex tawha l-pensjoni li kellha bżonn, ikollna naqblu, li użu u l-rrekordjar ta' taħdit u kunċetti li jirritaw widnejn ġentili huwa parti mil-binja essenzjali artistika kulturali ta' *Diaspora* – ("Polly Seisun għandha raġun.")